## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SITTA U TLETIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ħamis 17 ta' Ġunju, 2004 fid-9.30am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Egħluq ta' Xatt J. B. Azopardo.
(4) Proġett GateWay.
(5) Rapport "Youth Project" - Delegazzjoni mill-Ġermanja.
(6) Stedina - Konferenza fl-Abruzzo, Italja.
(7) Bankini u Resurfacing - Triq il-Vittmi tal-Gwerra.
(8) Rapport Website.
(9) Bankini fi Triq san Ġużepp u xogħol ieħor - Ħaddiema tal-Gvern.
(10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

### 36 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Il-Minuti tal-laqgħa Numru 35 ġew meħuda bħala moqrija billi kienu tqassmu minn qabel lill-Kunsilliera.

36(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondata mis-Sindku Joseph Casha l-Kunsill qabel li ssir l-korrezzjonijiet ta' Minuta 35(7) paġna 13.

36(1).2 Wara minuta 35(7)2 jiżdied dan li ġej "Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet jekk dan il-ħlas li ser jitħallas fi tlett darbiet jitqiesx bħala dejn ? It-tweġiba kienet li dan mhux il-każ għax il-ħlas ser ikun mifrux matul din is-sena Finanzjarja 2004 / 2005.

36(1).3 Il-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi ppropona li l-Minuti jiġu approvati kif korretti.

36(1).4 Dawn ġew approvati nem. con.

36(1).5 *Arising Out*

*Ħsarat fil-Moll tax-Xatt (35(2)6)*

*Intbagħtet Ittra lill-Prim Ministru*

Is-Sindku tkellem mal-Perit Grixti Soler biex ikun jaf meta ser jibda x-xogħol wara li l-Kunsill kien imwiegħed li x-xogħol kellu jibda fl-24 ta' Mejju, 2004 Iżda dan ma' seħħx.

Is-Sindku ġie mwiegħed li ser issir laqgħa l-ġimgħa d-dieħla. Is-Sindku wassal il-messaġġ li jekk f'din il-laqgħa mhux ser jittieħed bis-serjeta' jkun aħjar li ma' ssirx.

*Dockyard Terrace (35(2)14)*

Reġa' beda x-xogħol fuq il-faċċata issa li nġieb il-ġebel.

*Summer Club - Kunsill Lokali Isla (35(4))*

L-applikazzjonijiet ħarġu u diġa bdew deħlin il-formoli ta' parteċipazzjoni. Id-data ta' l-egħluq ta' l-applikazzjonijiet ser tkun fit-18 ta' Ġunju, 2004.

*Libreriji Pubbliċi Lokali (35(5))*

Mindu bdiet topera minn Misraħ 4 ta' Settembru u l-ħinijiet infirxu aktar matul il-ġimgħa jidher li qed ikun hemm żieda u attendenza tajba.

*Xiri ta' Computers (35(7))*

Il-Computers (għall-Uffiċċju Amministrattiv) inxtraw. Dawn ser jitħallsu terz ta' l-ammont ma' l-ordni, u l-bqija jitħallsu fuq ħames xhur.

## 36 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma li saret u tal-laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill li kienet Numru 35.

*36.(2).1 Malta Film Commission ( 26 /05/04 )*

Is-Sindku kellu laqgħa ma' Emma Pill u Oliver Mallia dwar il-ħsieb li jixtiequ li parti mill-film li qed jaħdmu fuqu jinġieb ħdejn il-Parking Area ta' Senglea Gate.

Huwa proġettat li dan il-filming isir bejn l-aħħar ta' Settembru u Ottubru, 2004. Ġie suġġerit lilhom biex jiktbu uffiċjalment lill-Kunsill fejn jispeċifikaw xi bżonnijiet għandhom.

*36.(2).2 Proġett - Network of Pilot Projects ( 26, 27 / 05 / 04 ) - Stadt Hamm, Ġermanja*

Saru diversi laqgħat ma' organiżazzjonijiet lokali bi tħejjija għal żjara minn delegazzjoni Ġermaniża li kellha tasal Malta bejn l-1 u t-3 ta' Ġunju, 2004 biex isir dan il-proġett imtella' mill-Kunsill Lokali ta' Stadt Hamm bil-Fondi tal-Kummissjoni Ewropeja.

L-organiżazzjonijiet li saru diskussjonijiet magħhom huma Senglea Athletic Youth Nursery / Ċentru Żgħażagħ Sengleani, Bronk Productions u Dance 2000.

Dettalji ta' dan il-proġett u tagħrif ieħor dwar id-diskussjonijiet u deċiżjonijiet li ġew meħuda waqt iż-żjara tad-Delegazzjoni minn Stadt Hamm huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

*36.(2).3 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ( )*

F'din il-laqgħa s-Sindku Joseph Casha għamel pressjoni mal-Kumitat biex il-flus dovuti lill-Kunsill dwar il-proġett ta' restawr ta' J. B. Azopardo jitħallsu kif ukoll biex jitwettaq restawr fid-daħla ta' l-Isla (kopja mehmuża).

*36.(2).4 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta ( 10 / 06 / 04)*

Il-Viċi Sindku Walter Ahar attenda għal laqgħa tal-Valletta Rehabilitation Committee fejn ġiet imfissra l-għajnuna li grupp ta' Taljani fi ħdan dan il-Kumitat jista' joffri lill-ibliet Maltin.

*36(2).5 Żjara ta' barranin fl-Isla ( 12/ 06 /04 )*

Delegazzjoni ta' madwar 23 persuna minn pajjiżi differenti kienu fi żjara madwar l-Isla u żaru l-bini tal-Kunsill f'197, Triq San Ġużepp. Dawn kienu mdawwra mill-Viċi Sindku Walter Ahar u Louis Henwood Membru tal-Kumitat ta' l-Istorja ta' l-Isla.

Min-naħa tiegħu l-Kunsill offra l-Inbid u Minerali għall-ikla li dawn kellhom fix-Xatt u l-ispejjeż taż-żewġ dgħajjes li ħadu dawn il-mistednin f'dawra mal-Port il-Kbir.

*36.(2).6 Jum Dinji kontra d-Droga ( 16 / 06 / 04 )*

Saret konferenza għall-istampa dwar il-Jum Dinji kontra d-Droga li ser jiġi mfakkar fis-26 ta' Ġunju, 2004.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'din l-attivita' ser jieħdu sehem barra l-Kunsill Lokali ta' l-Isla dawn il-Kunsilli Lokali : Marsascala u Zabbar. F'din il-ġurnata ser jiġu organiżżati u mtella' attivitajiet miż-żgħażagħ fil-lokalitajiet rispettivi.

*36.(2).7 Ħinijiet ta' l-Uffiċċju għas-Sajf*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minkejja li l-Uffiċċju tal-Kunsill beda jaħdem bil-ħinijiet tas-Sajf (nofs ta' nhari). Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li minħabba li hemm volum ta' xogħol xi jsir bil-proġetti u l-attivitajiet li qed lħejji l-Kunsill l-istaff qabel li jibqa' jaħdem kif kien normali sakemm jitlesta dan ix-xogħol. Id-differenza tal-ħin aktar jiġl aġġustat aktar tard.

*36.(2).8 Architectural Urban Conservation ( 16/ 06 / 04)*

Saret laqgħa maż-żewġ esperti minn Israel f'dan il-qasam li dawn ġew joqgħodu fl-Isla. Huma nfurmaw lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv dwar studju li qed jagħmlu fl-Isla. Dan it-tagħrif li jiksbu ser jużawh biex lħejju proġett għar-Rijabilitazzjoni ta' l-Isla fl-ambiti tal-Master Plan tal-Kottonera, simili għal dak li sar fil-Birgu.

Dawn l-esperti huma Giora Solar (Architectural Urban Conservation) u Arie Rachmaninoff (Architectural Urban Conservation).

*36(2).9 Permessi Cranes*

L-Uffiċċju tal-Kunsill qed jinforza l-kundizzjoni li hemm fir-regolamenti dwar permessi tal-cranes fejn qed jintalab depożitu ta' Lm 100 qabel jibda x-xogħol u li jingħata lura wara li jkun aċċertat li bl-użu tal-crane ma' saru l-ebda ħsarat fil-post fejn sar ix-xogħol.

Il-Kunsill qed jenfasiżża dan minħabba li qed isiru ħsarat fit-toroq bid-depożitu ta' cranes.

*36.(2).10 Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill qabel li l-użu tas-Sala tal-Kunsill għandu jsir minn residenti ta' l-Isla biss u l-ħin ta' l-attivita' f'din is-Sala ma' jistgħax jaqbeż l-10.00pm. Ġiet prodotta formola ta' l-applikazzjoni ġdida.

*36.(2).11 Laqgħa mas-Supretendent ta' l-Għassa tal-Pulizija, Bormla*

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija fl-Għassa ta' Bormla dwar il-klieb fix-xelters, u dwar l-abbużi mid-droga li qed isiru fil-Maċina kif ukoll fl-imħażen ta' biswiet. Il-Kunsill għal diversi drabi pprova jagħlaq dawn l-imħażen.

Permezz tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill ilu li għamel talba lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex dawn l-imħażen jiġu devoluti lill-Kunsill biex isir użu minnhom għall-ġid taż-żgħażagħ fil-lokal. Għandha tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija.

*36.(2).12 Loading / Unloading Bay ( Misraħ 4 ta' Settembru)*

Is-Supretendent tal-Pulizija assigura lis-Sindku li l-pulizija ser jagħtu attenzjoni aktar kif qed jitħaddem dan is-servizz.

*36.(2).13 Med Urbs*

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Kunsill Lokali ta' Bormla dwar il-flus dovuti lil dan il-Kunsill (Isla) skond kompromess li kien intlaħaq bejn it-tlett Kunsilli (Bormla, Birgu u Isla).

*36.(2).14* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-18 ta' Mejju, 2004 u s-16 ta' Ġunju 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1178/04/I MCAST - Studenti*

MCAST kitbu dwar servizzi ta' studenti biex jagħmlu work phase experience mal-Kunsill għal żmien xahar mingħajr ħlas. Is-Sindku Joseph Casha ser jieħu ħsieb dan.

*04/1189/04/I Malta Historic Cities Festival*

Il-Kunsill irċieva draft programme ta' dan il-Festival li ser jiġi organiżżat fil-Kottonera bejn is-7 u s-17 t'Ottubru, 2004.

*Educational Books*

Il-Kunsill irċieva lista ta' kotba ta' Qari u Crafts li kienu ta' livell tal-Primarja u li jistgħu jintużaw għas-Summer Club Project.

*04/ /04/I Memo 13/2004 - Ħlas tal-VAT*

Il-Kunsill wieġeb lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar kemm ħallas VAT l-Kunsill f'dawn l-aħħar snin skond kif kien mitlub f'din il-Memo.

*04/ /04/I Ħlas dovut lill-Kunsill mill-Awtorita dwar it-Trasport*

Il-Perit Mark John Scicluna talab lill-Kunsill biex jinforma lill-Awtorita dwar it-Trasport dwar il-Progress tax-xogħol li sar skond il-ftehim li hemm bejn il-Kunsill u l-Awtorita dwar it-Trasport dwar xogħol ta' toroq kif ukoll li ser isir il-ħlas dovut lill-Kunsill.

*04/1238/04/I Għaqda Festi Esterni*

Il-Kunsill approva talba biex din l-Għaqda tagħmel użu minn Ġnien il-Gardjola fit-28 ta' Ġunju, 2004 bħala Fund Raising għall-Festa.

*04/1259/04/I* *Immaniġġjar tat-Traffiku*

L-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nformat lill-Kunsill dwar il-Linji ta' Gwida dwar skemi ta' Immaniġġjar tat-traffiku.

*04/ /04/I* *MEPA - Applikazzjonijiet ġodda għal-permess ta' żvilupp*

L-Awtorita Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar approvat permessi ta' xogħol fi Triq l-Oratorju (07634/03) fi Triq San Filippu (03115/98) fi Triq id-Duluri (03478/02) u l-installazzjoni ta' Mobile Antenna fuq il-Knisja tal-Vitorja (02670/04).

*04/1273/04/I* *Budget 2004 / 2005*

Kopji tal-Budget 2004 / 2005 tal-Kunsill ġew mibgħuta lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali skond kif mitlub.

*04/1274/04/I* *Bronk Productions*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Bronk Productions biex jużaw is-Sala tal-Kunsill għall-fażi ta' filming.

*04/ /04/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sinjura Sandra Farrugia biex tagħmel użu mis-Sala tal-Kunsill fil-25 ta' Ġunju, 2004.

*04/ /04/I* *Jum Dinji kontra d-Droga*

Dan il-Kunsill flimkien mal-Kunsill Lokali Zabbar u Marsascala qabel li jieħu sehem biex jiġu organiżżat seminar fil-25 ta' Ġunju, 2004 bħala parti mill-attivitajiet organiżżati fil-Jum Dinji kontra d-Droga kif ukoll fil-press conference li kellha ssir fis-16 ta' Ġunju, 2004.

*04/1298/04/I* *Seminar EMAS*

Is-Sindku Joseph Casha ser jipparteċipa f'dan is-Seminar li għandhu jsir bejn it-22 u t-23 ta' Ġunju, 2004.

*04/ /04/I* *Ritratti ta' Tieġ fi Ġnien il-Gardjola*

Il-Kunsill approva t-talba ta' resident biex jieħu r-ritratti tat-tieġ fi Ġnien il-Gardjola.

*04/ /04/I* *Akkwist ta' Artijiet*

Il-Kunsill ġie mgħarraf dwar Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta rigward akkwist ta' Artijiet 66/67, 68 u 69 fi Triq il-Ponta, Isla.

*04/ /04/I* *General Workers' Union - Konferenza għaż-Żgħażagħ*

Il-Kunsill ġie mistieden mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-General Workers' Union biex żgħażagħ u Mexxejja taż-Żgħżagħ mil-lokal jattendu għal konferenza għaż-żgħażagħ li ser titella nhar it-3 ta' Lulju, 2004 bejn id-9.30 am u l-11.30am. Il-Kunsillier Reno Chircop għandu jattendi.

*04/1278/04/I* *Għaqda Regatta Nazzjonali*

Din l-għaqda talbet donazzjoni ta' Lm 50 għal tournament U18 li ser ittella din l-Għaqda f'dawn il-ġranet :

Il-Ħadd 27 ta' Ġunju, 2004, Il-Ħadd 4 ta' Lulju, 2004 u l-Ħadd 18 ta' Lulju, 2004 mill-bajja tar-Rinella sax-Xatt tal-Kalkara.

## 36 (3) Egħluq Ix-Xatt ta' l-Isla

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Supretendent tal-Pulizija għamel laqgħa mas-Sidien tal-ħwienet fix-Xatt ta' l-Isla biex dan Iżomm min-numru ta' mwejjed fuq il-promenade skond kif għandom fil-permess minħabba li l-ispazju f'dan il-post huwa ristrett u biex jiġi garantit l-użu liberu għall-pedestrian.

*36.(3).1* Is-Sindku u l-Viċi Sindku skużaw ruħhom li jkunu preżenti fid-diskussjoni f'dan l-item minħabba li ddikjaraw interess personali (xi wħud mill-familjari tagħhom għandhom ħwienet fix-Xatt).

*36.(3).2* Wara diskussjoni fit-tul it-tlett Kunsilliera preżenti Charmaine Gerada, Mario Mizzi u Reno Chircop qablu fuq dan il-proċess :

1. Ix-Xatt jingħalaq għat-traffiku għal tlett sigħat bejn it-8.00 u l-11.00pm, il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd.

2. L-egħluq isir minn bara l-Mina tal-Maċina sa taħt in-niżla ta' Triq il-Miġja tal-Papa.

3. Id-Dħul għax-Xatt quddiem l-Għar ta' Mikelin isir minn Triq il-Miġja tal-Papa.

4. F'dan il-ħin ta' l-egħluq tat-traffiku r-residenti li joqgħodu fil-parti indikata bħala pedestrian area, jkunu jistgħu jidħlu min-naħa tal-Maċina permezz ta' stickers li ser jiġu mogħtija lilhom mill-Kunsill u li dawn iridu jitwaħħlu fuq il-karozza.

5. Ser isiru żewġ tabelli tat-traffiku biex jindikaw il-ħinijiet u l-ġranet ta' l-egħluq fix-Xatt u fejn isir parking.

6. Għal dan il-għan il-wesgħa li hemm quddiem il-bieb tad-Dockyard biswit il-Maċina ser tiġi assenjata bħala parking area u għal dan il-għan ser isir iffriskar tal-parking bays.

7. Ser jitpoġġew barriers qabel il-Mina tal-Maċina u taħt Triq il-Miġja tal-Papa biex it-traffiku ma jgħaddix għax-Xatt fil-parti ndikata bħala pedestrian area.

8. Is-Supretendent tal-Pulizija ser jipprovdi żewġ pulizija biex jikkontralla dan l-egħluq tax-Xatt bejn is-7.30 u l-10.30pm.

*36.(3).3* Is-Sindku u l-Viċi Sindku reġgħu daħlu għal-laqgħa tal-Kunsill u ġew mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

## 36 (4) Proġett GateWay

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li t-tħejjijiet għal dan il-proġett qegħdin isiru.

*36.(4).1* Għal dan il-proġett fejn mistiedna Youth Leaders minn diversi pajjiżi (Madwar 15-il pajjiż) membri jew pro membri ta' l-Unjoni Ewropeja.

*36.(4).2* Dan il-proġett qed jiġi ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropeja u mtella' mill-Kunsill Lokali Isla wara li kien għamel it-talba tiegħu f'Marzu li għadda.

*36.(4).3* Aktar tagħrif dwar dan il-proġett Gateway the Way forward huwa mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 36 (5) Rapport "Youth Project" - Delegazzjoni mill-Ġermanja

It-Tagħrif kollu dwar il-ħidma li saret u l-proġetti magħżula u maqbula matul lż-żjara tad-Delegazzjoni minn Stadt Hamm fil-Ġermanja huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 36 (6) Stedina - Konferenza fl-Abruzzo, Italja

Kif kien indikat fil-laqgħat ta' qabel il-Kunsill aċċetta stedina mill-Comune di Goriano Sicoli biex 5 persuni jattendu Konferenza Internazzjonali "Identity & Difference".

*36.(6).1* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal din il-Konferenza li ser issir bejn il-21 u s-26 ta' Lulju, 2004 ser jattendu s-Sindku Joseph Casha, is-Sinjura Elizabeth Grech flok is-Segretarju Eżekuttiv, rappreżentant mis-Senglea Athletic Youth Nursey, Centru Żgħażagħ Sengleani u Bronk Productions.

*36.(6).2* L-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u ta' vjaġġar ser ikunu mħallsa mill-organiżaturi ta' din il-konferenza fuq finanzjament mill-Kummissjoni Ewropeja.

Aktar tagħrif dwar din il-konferenza huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

## 36 (7) Triq il-Vittmi tal-Gwerra

Il-Kunsill qabel li x-xogħol ta' resurfacing f'din it-triq isir qabel tasal il-festa tal-lokal. Din hija parti mix-xogħol li fadal isir bħala l-ewwel fażi taħt il-ftehim li l-Kunsill għandhu ma' l-Awtorita dwar it-Trasport.

*36.(7).1* Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera biex issir il-lava f'din it-triq.

*Nota :* ***Il-Kunsillier Mario Mizzi ħalla l-kamra fejn kienet qed issir il-laqgħa tal-Kunsill fil-11.50am.***

## 36 (8) Website tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel unanimament li x-xogħol meħtieġ biex titella' din il-website isir mill-kuntrattur Nextgen għall-prezz ta' Lm 190.

*36.(8).1* Aktar tagħrif u dettalji dwar dan huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 36 (9) Bankini fi Triq San Ġużepp u xogħol ieħor - Ħaddiema tal-Gvern

Il-Kunsill kien talab kwotazzjoni biex isir xogħol ta' painting u plastering fid-daħla ta' l-Isla. Din it-talba tammonta għal Lm 311.86 (Kopja mehmuża).

*36.(9).1* Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni u qabel li jsir time frame ta' kif ser isir ix-xogħol.

Saret talba għal stima ta' xogħol lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

*36.(9).2* Bankini l-aħħar parti ta' Triq San Ġużepp.

## 36 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

*36.(10).1* Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 12, 688.16.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fin-12.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |